SCOUTS
Nibnu Dinja Aħjar

THE scout ASSOCIATION OF MALTA

16 ta' Mejju, 2016

Aġġornament dwar l-introduzzjoni tal-Uniformi l-Ġdida

Għeżież Leaders u Membri,

Wasalna lejn l-aħħar fażijiet ta' dan il-proċess storiku li sa jwassalna biex ikollna dehra li hija aktar konformi mad-direttivi tal-*WOSM* u li tirrapreżenta xejriet moderni. Għalhekk, qegħdin nippubblikaw dawn id-direttivi biex l-informazzjoni dwar l-uniformi l-ġdida tasal bl-aktar mod ċar f'idejn il-membri kollha tal-*Association*.

**1) Il-proċess ta' *Procurement* tal-Uniformi**

F'Novembru tal-2015, l-*Association* tagħna nediet process ta' *procurement* li fost diversi affarijiet kien jinvolvi l-ġabra ta' stimi mingħand kumpaniji lokali kif ukoll barranin.

Wara li qabbilna l-istimi, ġie magħżul fornitur, u bħalissa qegħdin jiġu ffinalizzati negozjati miegħu biex jissupplixxi l-uniformi l-ġdida tagħna. Bħalissa qegħdin nistennew *samples* finali biex niżguraw li l-kwalita` tkun tajba u li l-fornitura tkun adekwata qabel ma jiġi ffinalizzat il-ftehim sa l-aħħar ta' din l-gimgħa.

Qegħdin ukoll nistennew li l-informazzjoni li tlabna dwar il-qisien tal-membri jintbagħtu minn kull grupp biex niżguraw li jkollna stokk suffiċenti u ma jkollniex stokk żejjed. Għalhekk qed nitolbu l-koperazzjoni tal-Gruppi li għadhom ma bagħtux l-informazzjoni rikjesta fl-'Indicative Order Form biex dan isir **mill-aktar fis possibli**.

Nitolbukom ukoll biex tirrerferu lejn il-lista tal-prezzjijiet li tidher fit-taqsima 7 – ***Xiri tal-Uniformi*** f'din l-ittra biex ikollkom idea ta' kemm sa tiġi tiswa l-uniformi l-ġdida.

Huwa stmat li bil-koperazzjoni ta' kulħadd, l-ewwel uniformijiet ikunu jistgħu jinxtraw minn Awwissu 2016.

**2) Items ġodda tal-Uniformi**

F'paġna 5, għandkom issibu tabella li tiddeskrivi l-uniformi l-ġdida għal kull taqsima (Adult Leaders / Rovers / Ventures / Scouts / Cubs / Beavers) u maqsuma skont is-sess (Irġiel / Nisa). Il-membri adulti (+18) għandhom jagħżlu x'tip ta' qalziet/ dublett jixtiequ jilbsu mit-tabella annessa.

(cont./2)

**Island Head Quarters**
Island Head Quarters, Congreve-Bernard Memorial Hall, E. S. Tonna Square, Floriana FRN 1480 - Malta
Tel: (+356) 2122 4334 • E-mail: info@scout.org.mt • Web: www.scout.org.mt
Full Member of the World Organization of the Scout Movement

| Taqsima | **Top** (irid jintlibesbil-fors) | (Tintlibes jekk mixtieq) | **Qalziet** (bil-fors) | | | | (għan-nisa) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Beavers | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | | | | |
| Cubs | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | | | | |
| Scouts | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | | | | |
| Ventures | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | | | | |
| Rovers | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | jew | Smart Trousers | jew | Dublett |
| Leaders | Qmis bil-kmiem twal | Sleeveless Jacket (Fleece) | Cargo Pants | jew | Smart Trousers | jew | Dublett |

| | |
|---|---|
| Oħrajn | Group Scarf u Woggle<br>Żarbun iswed jew hiking boots kif adegwat<br>Ċintorin tal-iscouts<br>Sectional / Leader Epaulettes<br>Badges kif permessi mill-POR |

*Nota: Fl-uniformi l-ġdida **MA HEMMX** kappell/beritta*

**3) *Group Name Tags* Ġodda**

Kif ġie avżat, minħabba li fl-uniformi l-antika, kienu jeżistu f'diversi forom u kuluri in-*name tags* ġew iddisinjati mill-ġdid u sa jkunu **tal-istess disinn** għal kull Grupp. Dawn in-*name tags* sa jkunu għall-bejgħ mill-IHQ.

**4) Il-Varjazzjonijiet Fl-Uniformi l-Antika.**

L-uniformi kif deskritta f'din iċ-ċirkolari sa tkun l-unika waħda awtorizzata biex tintlibes mil-*leaders* u l-membri kollha tal-Iscout Association ta' Malta. Il-varjazzjonijiet li kienu jeżistu fl-uniformi l-antika, **MHUX SA JKUNU JISTGĦU JINTLIBSU** aktar.

- Kull Grupp irid jieħu ħsieb li l-*badges* kommemorattivi biex jitfakkru anniversarji, eċċetra għandhom ikunu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv qabel ikunu jistgħu jintlibsu fuq l-uniformi.
- M'hu sa jkun hemm l-ebda bidla fl-iscarves, woggles u ċintorini tal-uniformi.
- Rigward iż-żraben jistgħu jintlibsu żraben suwed jew hiking shoes kif adegwat.
- Il-membri kollha sa jkunu qed jilbsu *epaulettes* skont il-kuluri tas-section li qegħdin fiha.
- Mhux sa jkun hemm l-ebda bidla fl-*epaulettes* tal-leaders.

Importanti li l-Gruppi kollha jibdew jużaw l-*Activity Wear* kif deskritt fil-*Branding Document* uffiċjali maħruġ mill-*Association*. Kull tip ta' *activity wear* ieħor mhux sa jibqa' permess. L-*activity top* tal-*leaders* għandu jkun aħmar jew griż ċar. Tat-tfal għandu jkun oranġjo/ aħdar/ blu – li jkollu stampat fuqu wieħed mis-sitt disinni uffiċjali fornuti mill-*Association*. L-*Activity Uniform* tinkludi beritta bil-logo - "Scouts Nibnu Dinja Aħjar" stampat fuqha. Din l-*activity uniform* għandha tiġi adottata mill-aktar fis minn dawk il-Gruppi kollha li għadhom ma għamlux dan il-pass.

(cont./3)

(cont./2)

**5) Applikazzjonijiet għall-użu ta' Aċċessjorji oħra mal-Uniformi**

L-Association hija determinata li tħares il-wirt li nbena matul is-snin speċjalment fejn jidħlu l-baned. Dan jinkludi l-użu ta' affarijiet bħal lanyards, kilts u aċċessorji oħra li jintlibsu mill-bandisti.

Fl-istess ħin trid tieħu ħsieb li jkun hemm bilanċ bejn dak li huwa tradizzjonali u l-modern biex inkunu konformi mal-bżonnijiet kontemporanji (anke fejn jidħol ilbies marbut ma' eżiġenzi reliġjużi) .

Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat Eżekuttiv tal-*Association* sa jwaqqaf '*Board of Review*' li sa jkun qed jevalwa rikjesti mill-Gruppi dwar l-ilbies ta' aċċessorji. Dawn it-talbiet għandhom isiru b'mod uffiċjali mill-Grupp konċernati permezz ta' *'Applications for Scout Uniform Accessories'*. Aktar informazzjoni dwar dan sa toħroġ sal-aħħar ta' Ġunju 2016.

**6) Perjodu ta' Tranżizzjoni**

Il-qalba għall-uniformi l-ġdida trid tkun kompluta matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li sa jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017.

Mill-1 ta' Jannar 2018, l-uniformi l-ġdida sa tkun l-unika uniformi li sa tkun awtorizzata biex tintlibes mill-membri KOLLHA tal-Iscout Association ta' Malta.

Jista' jkun li l-fornitura tal-uniformi l-ġdida tkun ittardjata xi daqsxejn minħabba li hemm diversi Gruppi li għadhom ma bagħtux l-informazzjoni dwar il-qisien. Għalhekk inħeġġukom biex tibagħtu l-informazzjoni biex ma jkollniex stennija bla bżonn.

**7) Xiri tal-Uniformi**

L-uniformi sa tibda tinxtara direttament mill-ħanut tas-*supplier* li jkunu miftuħin mit-Tnejn sa s-Sibt fil-ħinijiet normali tal-ħwienet .

Il-badges sa jibqgħu jinxtraw mill-IHQ kif qed isir bħalissa sakemm joħroġ avviż ieħor.

Dawk il-membri li sa jkollhom bżonn a) ħwejjeġ *oversize* (li sa jsiru *made-to-measure*) jew b) ilbies APPROVAT marbut ma' eżiġenzi reliġjużi, sa tingħatalhom il-faċilita`li jagħmlu appuntament mas-*supplier* biex jitteħdulhom il-qisien. Il-prezz ta dan it-tip ta ħwejjeġ sa jkun l-istess bħal tal-ħwejjeġ l-oħra.

(cont./4)

Il-prezzijiet sa jkunu kif ġej:

| Uniform Prices (Indicative) | € (incl. VAT) |
|---|---|
| **Shirts** | |
| Shirt Children sizes (up to 13yrs) | 14.50 |
| Shirt Adult sizes | 17.50 |
| **Smart Trousers** | |
| Smart Trousers Adult Male | 20.50 |
| Smart Trousers Adult Female | 19.50 |
| **Skirt** | |
| Skirt Adult | 18.50 |
| **Cargo Pants** | |
| Cargo Pants Child 22'' - 26'' | 18.90 |
| Cargo Pants Adults | 20.90 |
| **Optional** | |
| Sleave-less Jacket | 16.90 |

**8) Mistoqsijiet u Kummenti oħra**

Filwaqt li ppruvajna nagħtu l-informazzjoni kollha li nistgħu, nifhmu li jista' jkun hemm min għandu bżonn jagħmel mistoqsijiet biex l-affarijiet jiġu ċċarati b'mod aħjar. Għal dan il-għan, kull min jixtieq jikkomunika magħna dwar dan is-suġġett, jista' jibgħat email fuq: info@scout.org.mt.

L-*Iscout Association* hija fiduċjuża li bil-għajnuna u l-koperazzjoni ta' kulħadd, dan il-proċess jista' jimxi l-quddiem biex ikollna uniformi li mhux biss tagħtina identita` komuni imma wkoll li tirrifletti ż-żminijiet li qed ngħixu fihom u tkun xhieda tal-identita` tagħna bħala għaqda bbażata fuq il-gost, l-avventura u t-tagħlim informali.

Dejjem tagħkom fl-Iscouting,

Dr Anthony Abela Medici
Segretarju Onorarju

(cont./5)

## Adult Leaders Rovers

### MALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Male Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   - a) District Badge (above right pocket)
   - b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   - c) Membership Badge (on left breast pocket)
   - d) WOSM Badge (on left shoulder)
   - e) Other Badges as entitled per POR
3) Navy Blue Long Smart Trousers OR Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Male Cut]
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes OR Hiking Shoes where appropriate
6) Leader Epaulettes

<u>OPTIONAL </u>:

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

## Adult Leaders Rovers

### FEMALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Female Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   - a) District Badge (above right pocket)
   - b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   - c) Membership Badge (on left breast pocket)
   - d) WOSM Badge (on left shoulder)
   - e) Other Badges as entitled per POR
3) Navy Blue Long Smart Trousers OR Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Female Cut] OR Skirt
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes OR Hiking Shoes where appropriate
6) Leader Epaulettes

<u>OPTIONAL</u>:

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

**Island Head Quarters**
Island Head Quarters, Congreve-Bernard Memorial Hall, E. S. Tonna Square, Floriana FRN 1480 - Malta
Tel: (+356) 2122 4334 • E-mail: info@scout.org.mt • Web: www.scout.org.mt
Full Member of the World Organization of the Scout Movement

## Ventures
## Scouts

## MALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Male Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   - a) District Badge (above right pocket)
   - b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   - c) Membership Badge (on left breast pocket)
   - d) WOSM Badge (on left shoulder)
   - e) Other Badges as entitled per POR
3) Navy Blue Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Male Cut]
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes Or Hiking Shoes where appropriate
6) Sectional Epaulettes

Optional :

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

## Ventures
## Scouts

## FEMALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Female Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   - a) District Badge (above right pocket)
   - b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   - c) Membership Badge (on left breast pocket)
   - d) WOSM Badge (on left shoulder)
   - e) Other Badges as entitled per POR
3) Navy Blue Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Female Cut]
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes Or Hiking Shoes where appropriate
6) Sectional Epaulettes

Optional :

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

# The Scout Association of Malta - UNIFORM (as from August 2016)



## Cubs
## Beavers

## MALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Male Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   a) District Badge (above right pocket)
   b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   c) Membership Badge (on left breast pocket)
   d) WOSM Badge (on left shoulder)
   e) Other Badges as entitled per POR
3) Navy Blue Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Male Cut]
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes Or Hiking Shoes where appropriate
6) Sectional Epaulettes

Optional :

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

## Cubs
## Beavers

## FEMALE



1) Scout Scarf & Woggle
2) Khaki Long Sleeve Shirt [Female Cut] (with 1] National Badge embroidered on right sleeve and 2] button & strap faster to secure sleeves when rolled up)
   a) District Badge (above right pocket)
   b) New Group Name Tags (at right and left shoulder seam)
   c) Membership Badge (on left breast pocket)
   d) WOSM Badge (on left shoulder)
   e) Other Badges & Epaulettes as entitled per POR
3) Navy Blue Long Trousers with Side Pockets (Cargo Pants) [Female Cut]
4) Tan Scout Belt
5) Black Shoes Or Hiking Shoes where appropriate
6) Sectional Epaulettes

Optional :

7) Navy Blue Fleece Sleeveless Jacket

**Island Head Quarters**
Island Head Quarters, Congreve-Bernard Memorial Hall, E. S. Tonna Square, Floriana FRN 1480 - Malta
Tel: (+356) 2122 4334 • E-mail: info@scout.org.mt • Web: www.scout.org.mt
Full Member of the World Organization of the Scout Movement